L-Università ta' Malta

DEPARTMENT OF ANATOMY
Faculty of Medicine & Surgery
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 3289
anatomy.ms@um.edu.mt

www.um.edu.mt/ms

Data:

Għażiż *Sinjur / Sinjura*,

**Re: Tagħrif għad-donaturi**

Grazzi talli ikkuntatjajtna sabiex tikseb iktar informazzjoni dwar kif tista' tagħti ġismek bħala donazzjoni lid-Dipartiment tal-Anatomija fi ħdan il-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, fl-Universita' ta' Malta. Importanti li inti timla l-**Formola ta' Kunsens sabiex issir Donazzjoni** mehmuża. Jekk diġa' għandek ukoll klawżola fit-testment tiegħek fejn tiddikjara li tixtieq tagħti ġismek lid-Dipartiment tal-Anatomija, l-Università ta' Malta, jekk jogħġbok għandek ukoll tibgħatilna kopja tal-parti fejn hemm din il-klawżola flimkien mal-Formola ta' Kunsens sabiex issir Donazzjoni. Pero' nixtiequ niġbdulek l-attenzjoni li, b'effett minn Frar tas-sena 2020, din il-klawżola fit-testment tiegħek m'hijiex obbligatorja, dment illi l-Formola ta' Kunsens sabiex issir Donazzjoni tkun kompluta u ffirmata. Jekk f'xi mument tiddeċiedi li tbiddel il-fehma tiegħek, jekk jogħġbok għarrafna minnufih sabiex aħna nirrispettaw ix-xewqa tiegħek. Tajjeb li tinforma lit-tabib tal-familja tiegħek u l-qraba u l-ħbieb tiegħek sabiex dawn ikunu jafu kif għandhom jinfurmawna b'mod immedjat meta sseħħ il-mewt. Ta' l-anqas wieħed minn dawn jeħtieġ li jiffirma t-**Taqsima B** tal-**Formola ta' Kunsens sabiex issir Donazzjoni**.

Aħna nistgħu niġu kkuntattjati fid-Dipartiment tal-Anatomija, l-Università ta' Malta:

- Bl-indirizz elettroniku fuq: **anatomy.ms@um.edu.mt**
- Permezz tat-telefown: (00356) 2340-3825 (8am sal-5pm matul is-sena akkademika, u filgħodu fis-Sajf)
- Billi ċċempel lis-Sur Sherif Suleiman (Lab Manager) - (+00356) 79566734

Aħna nieħdu ħsieb l-arranġamenti kollha meħtieġa għat-trasport ladarba nkunu infurmati (fi żmien 12-il siegħa mill-mewt) u wara li ċ-ċertifikat tal-mewt iffirmat ikun mgħoddi lilna. Ladarba mogħti, il-katavru jibqa' l-Università sabiex jintuża għall-istudju ta' l-anatomija bħala parti integrali mill-kors tal-mediċina sabiex jitgħallmu t-tobba u dawk l-istudenti kollha li b'xi mod jew ieħor, il-karriera tagħhom tkun tinvolvi l-kura ta' morda, kif ukoll għar-riċerka xjentifikal. Il-proċeduri għad-difna eventwalment isiru mill-Università stess, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor bil-miktub.

Servizz ta' Radd il-Ħajr isir kull sena fil-Festa tad-Duluri fil-Kappella tal-Università (aktar dettalji dejjem jitpoġġew fuq il-websajt tad-Dipartiment ta' l-Anatomija). Id-Dipartiment tal-Anatomija jixtieq ukoll jappella għall-ġenerożità tiegħek jekk tkun tixtieq tagħmel xi donazzjoni finanzjarja lid-Dipartiment. Dan jgħinna ntaffu wħud mill-ispejjeż involuti. Donazzjonijiet finanzjarji m'humiex obbligatorji, anzi huma kompletament volontarji.

Grazzi tal-ġenerożità tiegħek.
Dejjem tiegħek u Saħħa,

Prof Jean Calleja Agius MD MSc Clinical Embryology (Leeds) FRCOG FRCPI PhD (London)
Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija, Fakulta’ tal-Mediċina u Kirurġija, Universita’ ta’ Malta